

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/833

tas-17 ta' Mejju 2016

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni Ewropea, fl-54 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi stabbilit mill-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti emendi tal-Appendiċi C għall-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 ("il-Konvenzjoni COTIF"), permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE ⁽¹⁾.
- (2) L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni ta' Ċipru u Malta, huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni COTIF u japplikawha.
- (3) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ tistabbilixxi rekwiżiti għat-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija jew bil-passaġġi tal-ilma interni fi ħdan l-Istati Membri jew bejniethom. Hija tagħmel dan, inter alia, billi tirreferi għar-Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Ferrovija, li jidhru bħala l-Appendiċi C għall-Konvenzjoni COTIF ('RID'). Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/68/KE jipprovdi li t-trasport ta' oġġetti perikolużi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi għandu jiġi awtorizzat kemm-il darba jkun konformi mar-rekwiżiti tal-RID, ħlief jekk ikun indikat mod ieħor fl-Annessi.
- (4) Fl-54 sessjoni tiegħu, li għandha ssir fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kumitat ta' Esperti dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi ("Kumitat ta' Esperti tal-RID") imwaqqaf skont il-punt (d) tal-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni COTIF huwa mistenni jieħu deċiżjoni dwar ċerti emendi għall-RID. L-għan ta' dawk l-emendi, li jikkonċernaw standards tekniċi jew preskrizzjonijiet tekniċi uniformi, huwa li jiġi żgurat it-trasport sikur u effiċjenti ta' oġġetti perikolużi filwaqt li jitqies il-progress xjentifiku u tekniku fis-settur kif ukoll l-iżvilupp ta' sustanzi u oġġetti ġodda li jippreżentaw periklu matul it-trasport tal-imsemmija oġġetti.
- (5) Il-kumitat dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi stabbilit bid-Direttiva 2008/68/KE wettaq diskussjonijiet preliminari dwar l-emendi proposti.
- (6) L-emendi proposti kollha huma ġġustifikati u ta' benefiċċju, u għalhekk għandhom jiġu appoġġjati mill-Unjoni.
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fl-54 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID għalhekk għandu jkun ibbażat fuq l-Anness għal din id-Deċiżjoni,

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea fl-54 sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID fil-qafas tal-Konvenzjoni COTIF għandha tkun f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.
2. Tibdil minuri fid-dokumenti msemmija fl-Anness għal din id-Deċiżjoni jistgħu jiġu maqbula mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Esperti tal-RID mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Esperti tal-RID, ladarba jkunu adottati, għandhom jiġu ppublikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'indikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
M.H.P. VAN DAM

ANNEX

Proposta	Dokument ta' referenza	Ħruġ	Kummenti	Pożizzjoni tal-Unjoni
1	OTIF/RID/CE/GTP/2015/2 OTIF/RID/CE/GTP/INF.14 OTIF/RID/CE/GTP/INF.15	L-inklużjoni ta' obbligi ta' Entitajiet Responsabbli mill-Manutenzjoni (ECM) fl-RID	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF li tadotta test kif emendat	Taqbel mal-emendi kif riveduti fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti
2	OTIF/RID/CE/GTP/2015/3	Emenda ta' dispożizzjoni speċjali TU 16 tal-RID/ADR/ADN Kapitolu 4.3	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mal-emendi kif riveduti fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti
3	OTIF/RID/CE/GTP/2015/5	Huwa l-obbligu tat-trasportatur li jinformat lis-sewwieq tal-ferrovija bil-pożizzjoni ta' oġġetti perikolużi fil-ferrovija	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mal-emendi kif riveduti fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti
4	OTIF/RID/CE/GTP/2015/6	Kontenituri flessibbli li jgħorru bil-kwantità	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mat-test għal kontenituri flessibbli li jgħorru bil-kwantità f'OTIF/RID/CE/GTP/2015/12
5	OTIF/RID/CE/GTP/2015/7	Definizzjonijiet ta' 'tagħbija sħiħa'/'tagħbija fuq vagun'	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mal-emendi
6	OTIF/RID/CE/GTP/2015/12 OTIF/RID/CE/GTP/2015/INF.2 OTIF/RID/CE/GTP/2015/INF.3	Emendi kkonsolidati varji maqbula mill-grupp ta' ħidma permanenti	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mal-emendi
7	Idem	L-emendi jitħallew għal aktar eżaminazzjoni mill-Grupp ta' Ħidma Permanenti	—	—
8	Idem	Dawk li qed isejhju għal opinjoni komuni mil-Laqgħa Konġunta tal-UN-ECE — OTIF	Jeħtieġ li jiġi ffaċilitat trasport intermodali effiċjenti	Taqbel mal-emendi kif irrakkomandati mil-Laqgħa Konġunta
9	OTIF/RID/CE/GTP/2015/14	Notifiki ta' okkorrenzi li jinvolvu oġġetti perikolużi skont l-RID 1.8.5; Hamburg-billwerder, 3 ta' Lulju 2013	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mal-emendi kif riveduti fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti
10	OTIF/RID/CE/GTP/2015/INF.4	Distanza ta' protezzjoni għal vetturi tat-triq	Kunsens tekniku fil-Grupp ta' Ħidma Permanenti tal-OTIF	Taqbel mal-emendi